MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 2053/1998/1

**Duncan Pace**

**Vs**

**Comm.Lifts Ser. Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t' Ottubru ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta biex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' disa' mija u wiehed Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm901.63c0), in kwantu ghal:**

**(a) seba' mija u hamsin Lira Maltija (Lm750.00,0) bhala prezz ghal xoghol ta' installazzjoni ta' lift;**

**(b) mija u wiehed u hamsin Lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm151.63c0) bhala hlas ta' bonus, jumejn salarju, "allowance" fil-gimgha, jum ta' vaganzi li ma gewx utilizzati mill-attur, awment fis-salarju ghall-gholi tal-hajja b'effett mill-1 ta' Jannar 1997, u sahra, liema ammont huwa dovut lill-attur fir-rigward tal-perjodu li kien impjegat mas-socjeta' konvenuta;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju, 1998 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Frar ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti;**

**2. Illi s-somma pretiza mill-attur hija intierament imhallsa;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ix-xogholijiet li l-attur gie mqabbad jezegwixxi, ma gewx kompletati skond is-sengha u l-arti u ghaldaqstant l-attur ma kienx intitolat ghall-ebda hlas mis-socjeta' konvenuta;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi l-affidavits prodotti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kien impjegat bhala "lift technician" mas-socjeta' konvenuta;**

**2. Illi in oltre l-attur isostni li kien ukoll ikun inkarigat minn xogholijiet ohra barra mill-hin regolari tax-xoghol;**

**3. Illi l-attur isostni li wara li kien inkarigat jaghmel xoghol partikolari l-Gzira kien ftiehem mas-socjeta' konvenuta biex din thallaslu minflok id-depozitu fuq vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru EAA-382;**

**4. Illi effettivament sar kif pattwit bejn il-partijiet;**

**5. Illi sussegwentement l-attur ittermina r-relazzjoni tieghu mas-socjeta' konvenuta wara dizgwid li kien qam bejn il-partijiet;**

**6. Illi ittiehdu diversi proceduri legali fil-konfront tal-partijiet u l-procedura odjerna hi wahda minnhom;**

**7. Illi l-kawza odjerna hi ippernjata fuq allegazzjoni li l-ammont indikat fl-avviz odjern hu dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur;**

**Ikkunsidrat**

**Illi r-rapprezentant ewlieni tas-socjeta’ konvenuta jsostni s-segwenti:**

**1. Illi l-partijiet kienu ftehemu li meta l-attur jaghmel is-sahra dan kellu minflok li jithallas direttament ta’ l-istess is-socjeta’ konvenuta kellha thallaslu l-kambjali tal-vettura tal-marka Fiat fuq riferita;**

**2. Illi dan isostni li effettivament is-socjeta’ konvenuta kienet hallset pagamenti ammontanti ghall-ferm aktar mill-ammont ta’ xoghol li l-istess attur kien hadem;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi huwa principju assodat fl-ordinament guridiku Malti li min jallega jrid jipprova;**

**Illi jirrizulta li l-attur ma jissostanzjax l-allegazzjonijiet tieghu b’dokumentazzjoni anke minima, li fuqha setghet tistrieh l-allegazzjoni tieghu;**

**Illi di piu’, jirrizulta li r-rapprezentat tas-socjeta’ konvenuta jelenka diversi ragunijiet sostanzjabbli li jikkonfutaw it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

Kopja Informali ta' Sentenza

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**